

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.4.2009
SEG(2009) 557

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Dokument li jakkumpanja l-

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar
Prodotti ta' Investiment Mhux Professjonali Offruti Flimkien**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT
FUQ PRODOTTI TA' INVESTIMENT MHUX PROFESSJONALI OFFRUTI
FLIMKIEN**

{COM(2009) 204 finali}
{SEC(2009) 556}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Dokument li jakkumpanja l-

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Prodotti ta' Investiment Mhux Professjonali Offruti Flimkien

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT FUQ PRODOTTI TA' INVESTIMENT MHUX PROFESSJONALI OFFRUTI FLIMKIEN

{COM(2009) 204 finali}
{SEC(2009) 556}

'Prodotti ta' investiment mhux professjonali offruti flimkien' jipprovdu aċċess faċli lill-investitur mhux professjonali għas-swieq finanzjarji. Il-qafas regolatorju ta' dawn il-prodotti għandu jipprovdi sisien b'saħħithom u koerenti għal investiment mhux professjonali effettiv u responsabbli. Il-kriżi finanzjarja serviet biex tfakkar b'mod reali kemm hi importanti t-trasparenza fil-prodotti finanzjarji u l-ispejjeż potenzjali ta' bejgħ irresponsabbli. Il-kollass fil-fiduċja tal-investitur enfasizza l-urġenza biex jiġi żgurat li l-qafas regolatorju xieraq huwa stabbilit, sabiex il-bini mill-ġdid tal-fiduċja jista' jseħħ fuq bażi soda.

F'kull naħa tal-Unjoni Ewropea, huma kummerċjalizzati medda ta' prodotti ta' investiment 'offruti flimkien' lill-investituri mhux professjonali, li joffru prospetti ta' rendimenti finanzjarji fuq tul ta' żmien medju għal twil, ibbażati fuq taħlita ta' espożizzjoni għas-swieq finanzjarji. Dawn il-prodotti jinkludu:

- fondi ta' investiment;
- titoli ta' sigurtà strutturati;
- poloz ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' unità; u
- depożiti fissi strutturati.

Is-suq totali għal dawn il-prodotti huwa sinifikanti ħafna, stmat sa EUR 10 triljun sal-aħħar tal-2007, għalkemm l-ammont investit naqas taħt l-impatt tal-kriżi finanzjarja.

Dawn il-prodotti għandhom forom legali distinti iżda jipprovdu funzjonijiet ekonomiċi komparabbli għall-investituri mhux professjonali. F'suq li qed jiffunzjona sew, il-kompetizzjoni bejn familji ta' prodotti ta' investiment mhux professjonali offruti flimkien tista' tippromwovi allokkazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, billi toħloq inċentivi għall-manifatturi sabiex jiżviluppaw u jbigħu prodotti li jaqblu tajjeb mal-profilu ta' investituri prospettivi.

Madankollu s-swieq għal dawn il-prodotti huma kkaratterizzati minn nuqqas qawwi ta' simmetrija fl-informazzjoni bejn l-oriġinatur tal-prodott u d-distributuri fuq naħa waħda u l-investituri mhux professjonali fuq l-oħra, u kunflitti ta' prinċipal-aġent għal dawk li qed ibigħu lill-investituri mhux professjonali. Dawn in-nuqqasijiet fis-suq iwasslu għal ħsara għall-investitur fuq livell mikro, meta l-prodotti huma mibjugħa jew mixtrija b'mod ħażin.

Fuq il-livell makro hemm il-potenzjal li l-investituri jżommu 'l bogħod mis-swieq tal-investment, b'implikazzjonijiet serji għal dawk is-swieq u għall-abbiltà tal-individwi biex jipprovdu għall-futuri finanzjarji tagħhom.

Ġew stabbiliti regolamenti fuq livell Ewropew u nazzjonali sabiex jitneħħew dawn in-nuqqasijiet. Hemm żewġ elementi ċentrali li huma komuni f'dan ir-regolament: li tiżgura li l-investituri jkollhom informazzjoni effettiva tal-prodott qabel il-kuntratt u li tiżgura li l-proċessi tal-bejgħ huma korretti. Regolazzjoni bħal din fuq livell Ewropew evolviet l-aktar fuq bażi settorjali. Ir-regoli applikabbli jvarjaw skont il-forma legali tal-prodott u l-istat legali tal-persuna li qed tbigħ il-prodott. F'uħud mis-setturi u għal xi wħud mill-prodotti, m'hemm l-ebda regola applikabbli fuq livell Ewropew.

Effettivament, hemm 'frammentazzjoni regolatorja' fuq livell Ewropew għal prodotti differenti ta' investment mhux professjonali offruti flimkien u l-mezzi li qed jiġu distribwiti minnhom.

Dan diġà pprovoka tħassib wiesa' fuq il-koerenza tal-liġi tal-Komunità. Hemm differenzi sinifikanti fil-livell ta' protezzjoni tal-investitur bejn is-setturi tal-industrija, kif ukoll 'livell żbilanċjat ta' opportunitajiet' għall-oriġinaturi u d-distributuri ta' dawn il-prodotti. F'uħud mill-Istati Membri, l-awtoritajiet ta' sorveljanza ħadu azzjoni, kif permess mil-liġi tal-Komunità, sabiex itejbu l-protezzjoni tal-investitur u sabiex ikun hemm livell bilanċjat ta' opportunitajiet fejn huma jaraw li r-rekwiżiti Ewropej mhumiex biżżejjed.

Madankollu, dawn ir-reazzjonijiet kienu neċessarjament limitati fl-ambitu ġeografiku tagħhom u mhux koordinati, u wasslu għal iktar diverġenzi fir-regoli u, almenu fil-prinċipju, għal ostaklu ieħor għall-iżvilupp ta' suq uniku għal dawn il-prodotti.

F'din il-Valutazzjoni tal-Impatt, huma kkunsidrati żewġ mistoqsijiet: din il-frammentazzjoni regolatorja toħloq riskji ġenwini ta' ħsara għall-investitur u tfixkil fis-suq? Jekk iva, hija meħtieġa reazzjoni fuq livell Ewropew u x'forma ġenerali għandu jkollha?

Kwistjonijiet proċedurali

Il-ħidma tal-Kummissjoni fuq il-prodotti ta' investment mhux professjonali offruti flimkien għandha l-bidu tagħha frikjestta tal-Kunsill ECOFIN f'Mejju 2007 sabiex il-Kummissjoni teżamina l-koerenza tar-reġimi ta' kxif ta' tagħrif u ta' distribuzzjoni fil-liġi tal-UE li japplikaw għal tipi differenti ta' prodotti ta' investment mhux professjonali.

Aħna kkonsultajna b'mod estensiv mal-partijiet interessati, inkluż b'sejħa għal evidenza f'Ottubru 2007, Dikjarazzjoni ta' Reazzjoni f'Marzu 2008, workshop tekniku mar-rappreżentanti tal-industrija f'Mejju 2008, u Seduta Pubblika fuq livell għoli f'Lulju 2008, li ġabret flimkien iktar minn 300 rappreżentant għoli mill-industrija, mill-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur, mir-regolaturi nazzjonali u mill-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jiddiskutu l-iżvilupp tas-suq u r-riskji potenzjali għall-investituri mhux professjonali.

Sal-punt li ġie deċiż li hija meħtieġa azzjoni fuq livell Ewropew, teħtieġ aktar ħidma fuq valutazzjoni tal-impatt sabiex jiġu identifikati il-miżuri speċifiċi meħtieġa u l-ispejjeż u l-benifiċċji ta' dawn il-miżuri.

L-impatt tal-problema ġenerali u l-każ għal azzjoni fuq livell Ewropew

Kif uriet lilha nfisha b'mod konkret il-problema ġenerali identifikata hawn? X'inhuma l-ispejjeż għall-ekonomija u għas-soċjetà tal-UE, u min qed iħallas dawn l-ispejjeż?

In-nuqqas ta' approċċ koerenti lejn kxif ta' tagħrif u regolazzjoni intermedjarja fuq livell tal-UE jwassal għal tliet problemi:

- L-ewwel, li l-livell ta' protezzjoni tal-investitur inkorporat fir-regoli tal-UE mhuwiex għoli biżżejjed għall-prodotti kollha konċernati.
- It-tieni, li differenzi fir-regoli tal-UE jfixklu l-kompetizzjoni fis-suq favur prodotti li huma 'inqas regolati'. Id-differenzi fir-regoli tal-UE jistgħu jgħolqu inċentivi għal 'arbitraġġ regolatorju', u b'hekk ikabbru r-riskji ta' ħsara għall-investitur kif deskritt hawn fuq.
- It-tielet, li approċċi nazzjonali diverġenti lejn il-kxif ta' tagħrif u d-distribuzzjoni bħala riżultat ta' reazzjonijiet mhux koordinati mill-Istati Membri għan-nuqqasijiet u għall-inkonsistenzi fil-liġi tal-Komunità jżidu l-ostakli għall-kummerċ transkonfinali u l-iżvilupp ta' suq uniku fil-prodotti ta' investment mhux professjonali offruti flimkien, b'impatti konkomitanti fuq l-effiċjenza u d-daqs tas-suq.

Il-ħsara lill-investitur tista' sseħħ kemm fuq livell mikro kif ukoll dak makro. Fuq il-livell mikro, l-investituri jistgħu jitilfu l-flus jew jagħmlu investimenti b'aspettativi ħżiena dwar ir-rendiment mistenni; fuq il-livell makro tista' tittiekel il-kunfidenza fis-swieq tal-investment mhux professjonali. L-arbitraġġ regolatorju bejn it-tipi ta' prodotti jista' jenfasizza dawn l-impatti filwaqt li jnaqqas il-kompetittività fis-suq; meta wieħed iqis l-impatt addizzjonali ta' ostakli kontinwi għall-kummerċ transkonfinali, konsegwenza mifruxa tkun ineffiċjenza akbar fl-allokkazzjoni ta' riżorsi.

Opinjoni esperta u evidenza aneddottali mill-partijiet interessati jsostnu l-idea li dawn il-problemi fil-prattika qed jikkawżaw ħsara lill-investitur, u fuq livell anqas tfixkil fis-suq u tnaqqis fil-kummerċ transkonfinali. Bejgħ u xiri ħażin frekwenti f'ġuriżdizzjonijiet differenti jindikaw li r-riskji qed isiru iktar konkreti għall-investituri.

Tentattivi unilaterali ta' wħud mill-Istati Membri sabiex jindirizzaw dawn ir-riskji permezz ta' regolamenti lokali huma ta' indikazzjoni qawwija tas-saħħa u tal-importanza ta' dawn il-problemi. Xi Stati Membri ħadu wkoll azzjoni sabiex inaqqsu l-potenzjal għal arbitraġġ regolatorju bejn il-mezzi differenti ta' distribuzzjoni u t-tipi ta' prodotti. Madankollu, aktarx li azzjoni unilaterali bħal din mill-Istat Membru mhux se jkollha impatt sostanzjali fuq il-prospetti ta' kummerċ transkonfinali u fuq l-istandards totali ta' protezzjoni tal-investitur, minħabba l-limitazzjonijiet ġeografiċi. Il-partijiet interessati indikaw ukoll li nuqqas ta' koordinament iwassal għal iktar spejjeż għall-operaturi fis-suq li jiddistribwixxu prodotti f'iktar minn Stat Membru wieħed. Madankollu l-impatt ta' interventi fuq il-kummerċ transkonfinali jista' jkollu importanza inqas immedjata, peress li fatturi oħra jistgħu jillimitaw l-ambitu għal kummerċ bħal dan għal ċerti prodotti.

Iżda, anke meta l-attenzjoni hija fuq is-swieq lokali biss, il-frammentazzjoni regolatorja fuq livell Ewropew u l-pożizzjonijiet differenti fuq livell nazzjonali li jgħorġu minnha x'aktarx jikkontribwixxu għal ħsara lill-investitur u għal arbitraġġ regolatorju. Dan għaliex l-Istati Membri huma xi ftit jew wisq limitati mil-liġi tal-Komunità. Id-differenzi fl-approċċ fi ħdan il-liġi tal-Komunità twassal b'mod inevitabli għal frammentazzjoni regolatorja kumplikata

bejn prodotti fis-swieq nazzjonali. Għal din ir-raġuni, in-nuqqasijiet fil-protezzjoni tal-investitur u l-eżistenza ta' livell żbilanċjat ta' opportunitajiet huma problemi Ewropej daqs jekk mhux iktar minn kemm huma problemi lokali tas-suq.

L-impatt mistenni jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri

Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni fuq livell Ewropew sabiex jiġu indirizzati l-problemi msemmija hawn fuq, ikun ifisser li l-problemi se jibqgħu. Dan ma jfissirx li l-ambjent regolatorju jibqa' l-istess. Huwa raġonevoli li wieħed jassumi li wħud mill-Istati Membri jistgħu jieħdu azzjoni ulterjuri, partikolarment fid-dawl tal-kriżi finanzjarja. Dan jista' jkollu impatt pożittiv fuq l-ewwel żewġ problemi identifikati fi ħdan l-Istati Membri inkwistjoni, iżda limitazzjonijiet imposti mil-liġi tal-Komunità jistgħu jnaqqsu l-iskala totali ta' dan l-impatt.

Azzjoni bħal din tista' wkoll twassal għal iktar diverġenza fl-approċċi regolatorji fl-Istati Membri, u għalhekk potenzjalment tista' tostakola l-kummerċ transkonfinali u tikkomplika iktar ix-xena leġiżlattiva. X'aktarx ukoll li mhux l-Istati Membri kollha jieħdu azzjoni unilaterali, u dan iħalli xi swieq mingħajr regolazzjoni adegwata.

Huwa probabbli wkoll li jibqgħu joħorġu inizjattivi awtoregulatorji mingħajr stimolu ulterjuri mill-UE. Għaddejja wkoll ħidma parallela fuq livell tal-UE li telimina l-problemi f'ċerti setturi. (Dawn jinkludu r-reviżjoni tad-Direttiva tal-Prospektus, u possibilment direttivi settorjali oħra; l-iżvilupp ta' Tagħrif Ewlieni għall-Investitur għal UCITS; ħidma sabiex titjeb l-edukazzjoni finanzjarja, flimkien mal-Istati Membri; u reviżjoni tad-DMFSD u tal-IMD. Ma' dawn l-inizjattivi tista' tiżdied kull ħidma aktar wiesgħa għat-titjeb tar-regolazzjoni tas-servizzi finanzjarji li probabbilment jiġu wara l-kriżi finanzjarja.)

Madankollu, dawn l-inizjattivi jistgħu – mingħajr koordinazzjoni – iżidu l-inkonsistenzi fuq livell Ewropew, u b'hekk jibqgħu n-nuqqasijiet fir-regolazzjoni. Il-problemi identifikati hawn fuq ma jkunux eliminati b'mod effettiv fl-Istati Membri u fis-setturi tas-suq kollha. Fil-qosor, jeħtieġ li r-reazzjonijiet għall-isfidi identifikati fil-Valutazzjoni tal-Impatt ikunu infurmati minn approċċ koerenti totali.

Għanijiet

L-għażliet ta' politika, kif joħorġu mill-analiżi tal-problema, huma vvalutati f'relazzjoni mal-kapaċità tagħhom li joffru:

- livell għoli u konsistenti ta' protezzjoni lill-investitur mifruxa fuq il-prodotti u l-mezzi ta' distribuzzjoni kollha, inklużi dawk li attwalment mhumiex suġġetti għar-regoli tal-UE dwar il-kxif ta' tagħrif u d-distribuzzjoni; l-investituri għandhom ikunu kapaċi jieħdu deċiżjonijiet infurmati ta' investiment u jqabblu b'mod effettiv prodotti differenti, filwaqt li jibqgħu jħossuhom kunfidenti f'kull parir ta' investiment li jirċievu;
- livell bilanċjat ta' opportunitajiet għat-tipi kollha ta' prodotti ta' investiment mhux professjonali offruti flimkien, inkluża d-distribuzzjoni tagħhom; u
- suq uniku iktar b'saħħtu ta' prodotti ta' investiment mhux professjonali offruti flimkien.

Analiżi tal-għażliet

Medda ta' għażliet għal azzjoni fuq il-livell tal-UE huma identifikati u mqabblin mal-livell tal-ebda indħil ulterjuri. Jeħtieġ li l-analiżi tkun ta' livell għoli u fil-parti l-kbira tagħha kwalitattiva. Ikun meħtieġ iktar xogħol dettaljat u metikoluż fuq il-valutazzjoni tal-impatt biex isostni kwalunkwe segwitu ta' xogħol leġiżlattiv li jkun hemm qbil fuqu. Dan jinkludi l-ġbir ta' iktar evidenza.

L-għażliet huma meqjusa separatament fiż-żewġ setturi regolatorji ewlenin li ġew identifikati (kxif ta' tagħrif obligatorju u regoli tal-bejgħ). Madankollu, hemm sinerġiji bejn dawn iż-żewġ setturi – x'aktarx li pakkett ta' għażliet li jgħaqqad flimkien miżuri fuq il-kxif ta' tagħrif qabel isir il-kuntratt u l-prattiki ta' bejgħ ikollu benefiċċji ikbar milli kieku jkunu eżaminati b'mod iżolat.

L-għażliet identifikati u analizzati fiż-żewġ setturi huma:

- l-ebda bidla fil-politika;
- l-awto-regolazzjoni kif promossa mill-Kummissjoni;
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li toffri gwida fuq prinċipji u approċċi komuni;
- mandat lill-Kumitati Lamfalussy sabiex jipromwovu konverġenza ta' sorveljanza; u
- azzjoni leġiżlattiva fuq il-livell tal-UE.

L-analiżi tenfasizza li l-għażliet li ma jinkludux tal-inqas xi element ta' bidla leġiżlattiva fuq livell Ewropew ma jkunux kapaċi jindirizzaw b'mod sħiħ l-irregolaritajiet fuq livell Ewropew, u dan jillimita l-benefiċċji.

Il-paragun tal-għażliet juri li inizjattivi awto-regolatorji mistennija jħallu impatt marġinali biss, filwaqt li xogħol li jsir permezz tal-Kumitati Lamfalussy jew Kummissjoni ta' Rakkomandazzjoni hu mistenni li jkollu effett iktar pożittiv. Azzjoni leġiżlattiva twiegħed l-iktar impatt qawwi pożittiv, parzjalment minħabba li tkun torbot iktar u tiżgura approċċ totali li hu iktar koerenti u effiċjenti. Barra minn hekk, mingħajr azzjoni leġiżlattiva id-differenzi bejn l-Istati Membru u bejn is-setturi tal-industrija x'aktarx li jibqgħu, minħabba l-inkonsistenzi fuq livell Ewropew u d-dgħufija fil-koordinazzjoni bejn l-atturi fi ħdan l-industrija u fuq livell nazzjonali. Għalkemm, skont l-analiżi, l-azzjoni li għandha element leġiżlattiv tkun l-iktar effettiva sabiex jintlaħqu l-għanijiet identifikati, l-għażliet disponibbli ma jeskludux lil xulxin.

Il-valutazzjoni assoluta tal-iskala ta' benefiċċji probabbli hija diffiċli f'dan l-istadju. Il-valutazzjoni tal-impatt tagħti ħarsa lejn il-mekkaniżmi differenti li bihom jistgħu jikbru l-benefiċċji u tagħti ħarsa kwalitattiva lejn l-importanza tagħhom. Il-benefiċċji li jikbru x'aktarx li jvarjaw b'mod sinifikanti skont id-dettall proprju tal-azzjoni li tiġi wara, għalhekk iktar xogħol ta' valutazzjoni tal-impatt huwa essenzjali.

Min-naħa tal-ispejjeż, tibdil fl-attivitajiet tal-kxif ta' tagħrif jew tal-prattiki tal-bejgħ iġorr miegħu spejjeż potenzjali sinifikanti ta' konformità u ta' amministrazzjoni għall-kumpaniji; l-għażliet x'aktarx iwarjaw fl-impatt tal-ispiża fuq korpjiet oħra bħal sorveljaturi nazzjonali, il-kumitati tas-sorveljaturi u l-Kummissjoni nnifisha. Valutazzjoni tal-impatt separata fuq miżuri li għandhom jiġu wara se ssir fi stadju iktar 'il quddiem u se jkun fiha figura preċiża tal-piż amministrattiv permezz tal-Mudell Standard tal-Ispejjeż (Standard Cost Model).

X'aktarx li l-benefiċċji ta' azzjoni jkunu ikbar fejn din tkun koordinata ma' ħidma oħra, dwar l-edukazzjoni finanzjarja tal-investituri, mal-industrija sabiex tiżgura rabta effettiva mal-miżuri, u mar-regolaturi nazzjonali sabiex tiżgura li hemm sorveljanza effettiva u koordinata.

Konklużjonijiet

Sfida ewlenija li se tiġi wara l-kriżi finanzjarja hija li terġa' tinbena l-kunfidenza tal-konsumatur fis-swieq finanzjarji. Livell għoli ta' trasparenza fil-prodott u ta' professjonalità fis-settur finanzjarju se jkun essenzjali biex tintlaħaq din l-isfida. Għalhekk, huwa imperattiv li l-qafas regolatorju Ewropew għall-investimenti mhux professjonali offruti flimkien ikun jirrifletti r-realtajiet tas-swieq finanzjarji moderni u li n-nuqqas ta' koerenza kawża ta' silos regolatorji li ma għadhomx jgħoddu għaż-żminijiet tal-lum ma jfixklux l-għoti ta' livell għoli ta' protezzjoni lill-investitur u ta' livell bilanċjat ta' opportunitajiet għall-prodotti ta' investiment fl-UE kollha.

Din il-valutazzjoni tal-impatt irrevodiet ix-xena regolatorja għall-prodotti ta' investiment mhux professjonali offruti flimkien fuq livell Ewropew u wriet id-differenzi ċari fir-regoli dwar kxif ta' tagħrif qabel il-kuntratt u fil-prattiki tal-bejgħ bejn il-prodotti u s-setturi. Ma kienx possibbli bl-evidenza disponibbli li tiġi ppreċiżata l-iskala tal-problemi li ġejjin minn dan il-qafas regolatorju frammentat. Madankollu, hemm eżempji suġġestivi ta' ħsara lill-investitur u evidenza kwalitattiva minn medda ta' partijiet interessati fuq l-impatt tan-nuqqasijiet u tal-inkonsistenzi fil-liġi tal-Komunità.

Filwaqt li xi wħud mill-Istati Membri ppruvaw jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet fit-territorji tagħhom, dan ma sarx b'mod sistematiku fl-Istati Membri kollha jew b'koordinazzjoni bejniethom, u wassal għal iktar frammentazzjoni tal-qafas regolatorju, b'impatti potenzjali fuq il-fornituri tas-servizz transkonfinali u għalhekk fuq is-suq uniku. Barra minn hekk, azzjoni fuq livell ta' Stat Membru ma jistax jindirizza l-inkonsistenzi regolatorji fit-totalità tagħhom fuq livell Ewropew.

Il-ħsara għall-konsumatur, tfixkil fil-kompetizzjoni bejn familji ta' prodotti fuq il-bażi ta' arbitraġġ regolatorju, u fuq livell inqas, l-ostakli għall-iżvilupp tas-suq uniku, jibqgħu problemi sinifikanti fin-nuqqas ta' azzjoni leġislattiva fuq livell Ewropew. Analiżi ta' livell għoli tal-għażliet turi li azzjoni bħal din se ġgħib magħha spejjeż materjali, iżda se toffri wkoll benefiċċji għal dawn is-setturi kollha.

Abbażi ta' dan, hija rakkommandata azzjoni leġislattiva, kemm fil-kxif ta' tagħrif qabel il-kuntratt kif ukoll fil-prattiki tal-bejgħ.

Din il-Valutazzjoni tal-Impatt evalwat il-bżonn għal azzjoni leġislattiva sabiex jitranġaw in-nuqqasijiet identifikati. Ma tikkunsidrax il-forma u l-kontenut preċiżi ta' kwalunkwe miżura rilevanti. Valutazzjoni bir-reqqa tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tirrikjedi speċifikazzjoni ċara tat-tip ta' intervent li qed jiġi kkunsidrat, li jkun jiddependi fuq ix-xogħol li jsir wara l-Komunikazzjoni li ġejja. Hu meħtieġ iktar xogħol konsiderevoli sabiex tiġi żgurata risposta leġislattiva li hi mmirata b'mod effettiv u li twassal għall-aqwa kompromess possibbli bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji.